MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 163/2020 LM

**Western Company Limited**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Ramona Rodenas**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Western Company Limited (C 19994)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fid-19 ta' Novembru, 2021, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata **Ramona Rodenas** [hawnhekk 'l-appellata'] dwar il-*privilegium fori,* u ordnat li l-atti tal-kawża jiġu rinvijati lir-

Reġistratur tal-Qrati Ċivili sabiex il-kawża tiġi ri-assenjati u tkompli tinstema' quddiem l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**Fatti**

2. Permezz tat-talbiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-intimata tkun ikkundannata għall-ħlas tas-somma ta' ħamest elef, sitt mija u erbgħa u tmenin Euro u disgħin ċenteżmu (€5,684.90), rappreżentanti l-prezz ta' vettura tal-għamla Vauxhall Vectra (targata IBT 962) li ġiet mibjugħa u kkonsenjata lill-intimata mis-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat flimkien mal-atti tal-kawża.

**Mertu**

3. L-intimata fir-risposta tagħha wieġbet li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex hija qatt ma kkuntrattat la mas-soċjetà rikorrenti u lanqas ma' Carmelo Bianco personalment, u lanqas ma ffirmat xi kambjali f'dan is-sens. L-intimata qalet li anke minn perspettiva purament proċedurali, l-ittra uffiċjali 924/20 ġiet ippreżentata irritwalment u hija nulla għaliex is-soċjetà rikorrenti naqset milli tippreżenta kopja tal-allegati kambjali li fuqhom qegħda ssejjes il-pretensjoni tagħha. L-intimata qalet ukoll li hija persuna assenti minn Malta, u l-ittra uffiċjali lanqas biss ġiet notifikata lilha personalment, iżda lil terzi. Qalet ukoll li hija kienet infurmat lis-soċjetà

rikorrenti li hija tinsab barra minn Malta. L-intimata eċċepiet ukoll il-*privilegium fori* għaliex meta kienet għadha tirrisjedi f'dawn il-gżejjer, l-intimata kienet tgħix ġewwa Għawdex u mhux f'Malta.

**Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Novembru, 2021, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimata dwar il-*privilegium fori,* u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti*
>
> *Rat ir-rikors tas-soċjetà Western Company Ltd datat it-2 ta' Settembru, 2020 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil Ramona Rodenas tħallasha s-somma ta' ħamest elef, sitt mija u erbgħa u tmenin euro u disgħin ċenteżmu (€5,684.90) rappreżentanti prezz ta' vettura tat-tip Vauxhall Vectra bin-numru ta' reġistrazzjoni IBT-962 mibjugħa u kkonsenjata lilha, bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 942/20 u l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Rat ir-risposta tal-intimata datata t-12 ta' Ottubru, 2020 fejn fost id-diversi eċċezzjonijiet, hija tikkontendi li "*l-esponenti tgawdi l-privilegium fori fir-rigward ta' din l-Onorabbli Qorti peress li meta kienet tgħix ġewwa Malta, Ramona Rodenas kienet tirrisjedi ġewwa Għawdex u mhux Malta."
>
> *Rat ix-xhieda u d-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentant tal-Aġenzija Identity Malta limitatament għall-eċċezzjoni rigwardanti l-*privilegium fori.
>
> *Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;*
>
> *Rat id-dokumenti kollha;*
>
> *Ikkonsidrat;*
>
> *Illi l-preżenti provvediment jirrigwardja limitatament l-eċċezzjoni mogħtija mill-intimata rigwardanti l-privilegium fori li l-intimata tinsisti li għandha tgawdi minnu.*
>
> *Ikkonsidrat;*

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-intimata tispeċifika illi eċċezzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikoli 50(1) u 741(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 50(1) jistipola:*

> "**Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 770 u 771**, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), b'esklużjoni tal-qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti" (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*Mill-bran appena ċitat, jemani ċar li d-dispożizzjoni li fuqha l-intimata qed tibbaża l-eċċezzjoni tagħha hija soġġetta għal dak li jiddisponu l-Artikoli 770 u 771 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema żewġ Artikoli jistabbilixxu l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali ta' kif għandha tiġi stabbilita l-kompetenza bejn il-Qrati għall-gżira ta' Malta u dawk għall-gżira ta' Għawdex. (fn. 1 ara f'dan is-sens l-Artikoli 50(1), 741(ċ), 767 u 768 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Mill-provi limitati u sottomissjonijiet li għandha l-Qorti quddiemha f'dan l-istadju jirriżulta li l-Artikolu 771 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandu ebda applikazzjoni għall-każ de quo. Min-naħa l-oħra, madanakollu, jidher li l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jkun pertinenti għal dan l-eżami peress li jirrigwardja sitwazzjoni fejn kontraenti jkunu marbuta flimkien b'obbligazzjoni. Dan l-Artikolu jistipola li:*

> **"770.** Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari."

*Dan effettivament fisser li minkejja li parti tista'* prima facie *tidher li tibbenefika mill-*privilegium fori, *dan il-benefiċċju jista' jispiċċa fl-eventwalità li l-mertu tal-kawża jkun dwar obbligazzjoni li kellha tiġi eżegwita fi Gżira partikolari.*

*L-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti hija talba għall-ħlas tas-somma ta' €5,684.90 allegatament dovuta lilha mill-intimata in segwitu għall-bejgħ ta' vettura tat-tip Vauxhall Vectra li allegatament ġiet mibjugħa u kkonsenjata lill-intimata. Illi t-teżi attriċi tipprospetta żewġ istanzi kuntrattwali: dik tal-bejgħ u dik tal-pagament. Fil-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà rikorrenti targumenta li l-azzjoni odjerna hija distinta mill-bejgħ per se peress li huwa "*dak li għadu ma seħħx li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri" *(fn. 2 ara paġna 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti (a fol. 39 tal-atti proċesswali), b'referenza għall-obbligu tal-ħlas.*

*F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza **John Mary Grima et vs Francis Cutajar** (fn. 3 **John Mary Grima et vs Francis Cutajar**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Jannar, 2013 (Appell Ċivili Nru. 80/2011/1):*

> "**17.** Fil-fatt anke s-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Angelo Zammit v. Michele Debono** (1917) li straħet fuqha l-Qorti tal-Appell f'**Borg v. Bonnici** tagħmilha ċara li tribunal li huwa kompetenti biex jisma' kawżi dwar l-eżekuzzjoni ta' ftehim huwa wkoll kompetenti biex jisma' kawżi aċċessorji għall-istess: "Attesocché è generalmente ammesso che il tribunale competente in ragione di territorio a conoscere delle controversie relative all'adempimento di una convenzione è anche competente a pronunciare sulle azione accessorie allo stesso, quale sarebbe quella pel risarcimento di danni per inadempimento dell'obligazione assunta". L-istess Qorti kkonkludiet li fil-każ partikolari li kellha quddiemha din ir-regola ma kinitx tapplika, peress li l-azzjoni tal-attur ma kinitx azzjoni relatata ma' xi obbligazzjoni kontrattwali. "Attesocché, però, nella specie quella regola non trova applicazione; poiché l'istanza dell'attore ha per base la colpa puramente extra-contrattuale, negando egli la realtà della pretesa vendita di merletti, e qualificandola come un raggiro mediante cui egli si indusse a versare l'ammonto di cui adesso chiede il rimborso."
>
> **18.** Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell għalhekk jgħallmu li għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili **anke meta l-kawża ma tkunx speċifikament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni,** din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax." (emfasi tal-Qorti)
>
> *Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, mhijiex korretta s-soċjetà rikorrenti meta tipprova tispezzetta l-bejgħ tal-vettura mill-obbligu tal-pagament. Di più, il-Kodiċi Ċivili stess jistipola li l-kunsinna tal-ħaġa jew il-pagament tal-prezz huma <u>separati u</u> aċċessorji għall-bejgħ tal-oġġett, kif jemani mill-Artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola:-*
>
>> "**1347.** Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, <u>malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz</u>, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u <u>lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz</u>; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej." *(emfasi ta' din il-Qorti)*

*Illi b'hekk, sabiex din il-Qorti tara jekk hemmx l-applikazzjoni tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew le, trid tara fejn ġie eżegwit il-bejgħ tal-vettura, aktar milli fejn qed isir il-ħlas, kif qed targumenta s-soċjetà rikorrenti. Illi sfortunatament, sa dan l-istadju tal-proċeduri, il-Qorti m'għandha f'idejha ebda prova ta fejn seħħ il-bejgħ de quo jew jekk hemmx xi stipulazzjoni rigwardanti fejn kellha tiġi eżegwita.*

*Illi b'hekk, fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma tistax tapplika l-eċċezzjoni stabbilita mill-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk se tapplika l-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Artikolu 50(4) u 741(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-uniċi provi fl-atti proċesswali in sostenn tal-eċċezzjoni tal-*privilegium fori *huma kopja tal-karta tal-identità tal-intimata u x-xhieda tar-rappreżentanti tal-Aġenzija Identity Malta. Dawn iż-żewġ provi jikkonfermaw illi l-indirizz tal-intimata jinsab fil-Gżira Għawdxija. Għalkemm huwa ben risaput li l-fatt li l-persuna jkollha indirizz reġistrat f'lokalità ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna fattwalment tirrisjedi f'dak l-indirizz, f'dawn l-atti proċesswali ma tressqet ebda prova li tikkwerela jew tixħet dubju dwar jekk l-indirizz reġistrat tal-intimata huwiex ir-residenza attwali tagħha. F'dan id-dawl, il-Qorti sejra tieħu l-indirizz reġistrat tagħha bħala l-indirizz tal-lok ta' fejn tgħix.*

*B'hekk, abbażi tal-provi mressqa sa dan l-istadju, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-intimata rnexxielha tipprova, għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni, illi hija toqgħod fil-Gżira ta' Għawdex ai fini tal-Artikolu 767 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Decide:***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-eċċezzjoni preliminari tal-intimata Ramona Rodenas dwar il-privilegium fori billi* ***tilqa'*** *l-istess eċċezzjoni u tordna li l-atti tal-kważa odjerna jiġu rinvijati lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili sabiex dawn jiġu assenjati u jkomplu jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha.*

*L-ispejjeż tal-preżenti jibqgħu riservati għal mas-sentenza finali."*

## <u>L-Appell</u>

5. Is-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk interponiet appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-1 ta'

Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, tad-19 ta' Novembru, 2021 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tiċħad il-*privilegium fori* eċċepit mill-intimata, u b'hekk tordna l-prosegwiment tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-appellata kienet irrinunzjat għall-privileġġ sollevat minnha, u dan għaliex kull eċċezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza jew nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti għandhom jitqajmu l-ewwel ħaġa u fl-istadju inizjali tal-kawża. Kompliet tgħid li f'dan il-każ, minkejja li l-eċċezzjoni ngħatat fir-risposta għall-kawża, din ma ngħatatx bħala l-ewwel iżda bħala l-aħħar eċċezzjoni. Qalet ukoll li qabel tat din l-eċċezzjoni, l-appellata eċċepiet li t-talbiet attriċi huma kompletament u assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex hija qatt ma kkontrattat mas-soċjetà appellanta, u qatt ma ffirmat xi kambjala f'dan is-sens. L-appellanta ċċitat sentenzi tal-Qrati tagħna li jgħidu li din l-eċċezzjoni għandha titqajjem fil-bidu nett tal-kawża qabel eċċezzjonijiet oħra fuq il-mertu. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern, mhux biss din l-eċċezzjoni ngħatat wara l-eċċezzjonijiet fil-mertu, iżda wkoll jirriżulta li fl-ewwel dehra fit-12 ta' Novembru, 2020 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi kollha inkluż dawk fuq il-mertu. Kien biss fis-seduta ta' wara li l-kawża tħalliet għall-provi u għat-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jitqies li l-appellata rrinunzjat għal din l-eċċezzjoni tagħha.

7. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-obbligazzjoni tal-pagament kellha tiġi eżegwita hawn Malta. Qalet li l-ewwel Qorti għamlet

apprezzament ħażin tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar il-*privilegium fori,* partikolarment fejn l-ewwel Qorti qieset li aktar milli tara fejn qiegħed isir il-ħlas, trid tara fejn ġie eżegwit il-bejgħ tal-vettura, u dan stante li sa dak l-istadju tal-proċeduri, il-Qorti ma kellha f'idejha l-ebda prova dwar fejn seħħ il-bejgħ *de quo* jew jekk hemmx stipulazzjoni dwar fejn kellu jiġi eżegwit il-ħlas. L-ewwel Qorti imbagħad qieset li ladarba m'għandha l-ebda indikazzjoni dwar kif u fejn seħħ il-bejgħ, allura trid tqis fejn hija r-residenza tal-intimata. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma taqbilx ma' dan, u l-kuntratt li wassal għall-azzjoni odjerna huwa kuntratt ta' bejgħ imsawwar minn żewġ obbligazzjonijiet – l-obbligu li parti tintrabat li tagħti xi ħaġa lill-oħra bi prezz li l-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern kien hemm kuntratt ta' bejgħ fejn il-vettura ġiet ikkonsenjata lill-intimata, u ladarba l-ħlas ma sarx kontestwalment mal-konsenja, kien għad hemm pendenti l-obbligu tal-ħlas. Is-soċjetà appellanta qalet li skont l-artikolu 770 tal-Kap. 12, il-*privilegium fori* jispiċċa wkoll f'kawża li tkun dwar obbligazzjoni, li skont il-ftehim kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari. Qalet li l-liġi għalhekk trid li jittieħed qies tal-obbligazzjoni partikolari. Qalet li l-ewwel Qorti żbaljat meta minflok qieset l-obbligazzjonijiet partikolari, qieset il-kuntratt sħiħ, u dan meta l-liġi titkellem dwar obbligazzjoni u mhux dwar kuntratt. L-appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 1159 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li l-ħlas għandu jsir fil-lok miftiehem fil-kuntratt, u jekk fil-kuntratt ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar lok li fih għandu jsir il-ħlas, u l-ħaġa li għandha tingħata hija żgura u determinata, il-ħlas għandu jsir fil-lok fejn fiż-żmien tal-kuntratt kienet tinsab il-ħaġa li hija soġġetta għall-ħlas. Is-subinċiż (3) imbagħad jistipula li jekk il-ħaġa li għandha tingħata bi ħlas hija somma ta' flus jew ħaġ'oħra li tista', mingħajr

spiża ta' xejn, tinġieb jew tintbagħat, u d-debitur u l-kreditur ikunu joqogħdu t-tnejn fl-istess gżira, il-ħlas għandu jsir fid-dar tal-kreditur. Is-subinċiż (4) imbagħad jistipula li f'kull każ ieħor, il-ħlas għandu jsir fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk il-liġi trid, li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor, il-ħlas għandu jsir fl-indirizz tal-venditur, u fil-każ odjern m'hemmx provi dwar fejn sar il-kuntratt u dwar fejn kellu jsir il-pagament. Qalet ukoll li minkejja li mill-provi jirriżulta li l-bejgħ sar ġewwa Birkirkara, ġewwa s-*showroom* tas-soċjetà appellanta, l-indirizz tas-soċjetà attriċi bħala 'debitur' jirriżulta mir-rikors promutur, u għalhekk kellu jirriżulta li l-obbligazzjoni tal-ħlas kellha ssir Malta, ġewwa Birkirkara, u għalhekk il-privileġġ invokat mill-appellata għandu jiġi miċħud.

8. Mill-atti jirriżulta li l-appellata ġiet notifikata bir-rikors tal-appell permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, imma ma jirriżultax li din daħħlet risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *rinunzja għall-*privilegium fori *da parti tal-appellata*

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta aċċettat l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* sollevata mill-appellata, u dan għaliex

l-appellata kellha tissolleva din l-eċċezzjoni qabel kull eċċezzjoni oħra mogħtija minnha fir-risposta tagħha. Is-soċjetà appellanta saħqet li meta l-appellata eċċepiet, fost affarijiet oħra, li t-talbiet tas-soċjetà appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex mhuwiex minnu li hija akkwistat xi vettura jew iffirmat xi kambjala mas-soċjetà appellanta, hija kienet qiegħda tirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-*privilegium fori,* u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta laqgħet din l-eċċezzjoni.

11. Hawnhekk il-Qorti kkonsidrat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali ċċitata mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, **Vivian Gatt noe *vs.* Carmelo Grima**, deċiża fit-12 ta' Frar, 1992, fejn dik il-Qorti qieset li l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* kellha tingħata qabel kull eċċezzjoni oħra fil-mertu, u fejn ma jsirx hekk, huwa meqjus li hemm rinunzja għal dik l-eċċezzjoni. Fis-sentenza appena ċċitata, il-Qorti qalet:

> "Illi skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-privileġġ tal-forum jispiċċa fi tliet każijiet. L-ewwel każ meta jissuċċedi li n-numru tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta jkun daqs dak ta' dawk li joqogħdu f'Għawdex (art. 769); it-tieni meta l-obbligazzjoni skont il-ftehim kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari (art. 770); u fit-tielet lok meta dan il-privileġġ jiġi rrinunzjat (art. 772);
>
> L-aggravju tal-appellant f'dan l-istadju jirrigwarda t-tielet ipotesi. Skont l-artikolu 772 tal-Kodiċi fuq ċitat, dan il-privileġġ jista' jiġi rrinunzjat u meta ma jiġix mitlub għandu jitqies li ġie rrinunzjat. Dan ifisser li r-rinunzja tista' tkun kemm espressa kif ukoll taċita. Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-eċċezzjoni tal-privilegium fori trid tingħata fil-bidu nett tal-kawża qabel eċċezzjonijiet oħra fuq il-mertu. Jekk jingħataw dawn qabel, jiġi li l-konvenut ikun issottometta ruħhu għall-Qorti li quddiemha tkun ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni. B'hekk ukoll jiġi li l-konvenut ma jkun talab li jagħmel xejn mill-privileġġ "de quo" u dan skont l-art. 772 tal-Kodiċi fuq ċitat għandu jitqies bħala rinunzja tad-dritt tiegħu għal dan il-privileġġ."

12. Il-Qorti tqis li ladarba l-appellata kellha f'moħħha li teċċepixxi l-*privilegium fori,* hija kellha tagħmel dan qabel tqajjem kull eċċezzjoni oħra fil-mertu, anki sabiex tiffaċilita l-andament tal-kawża għall-Qorti, li trid tiddeċiedi dwar it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u dwar l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-intimata. L-appellata eċċepiet li mhuwiex minnu li hija kienet ikkontrattat mas-soċjetà appellanta, jew li kienet iffirmat xi kambjala magħha, jew li kienet obbligat ruħha li tħallasha xi flus, qabel eċċepiet li hija assenti minn Malta, u finalment eċċepiet li meta kienet tgħix Malta hija kienet tirrisjedi fil-gżira Għawdxija. Ma jidhirx lanqas mill-atti li saret xi talba da parti tal-appellata sabiex l-eċċezzjoni sollevata minnha dwar il-*privilegium fori* tiġi kkonsidrata qabel l-eċċezzjonijiet l-oħra mogħtija minnha. L-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha qalet li kienet qegħda tilqa' l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-appellata dwar il-*privilegium fori,* iżda ċertament ma jistax jingħad li l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata dwar il-fatt li hija kienet għal xi żmien tirrisjedi fil-gżira Għawdxija, tqajmet bħala eċċezzjoni preliminari, kif fil-fatt kellha titqajjem. L-appellata għażlet li tissolleva eċċezzjonijiet fil-mertu, li l-ewwel Qorti kellha twarrab in vista tan-nuqqas ta' provi miġjuba f'dan ir-rigward, sabiex setgħet tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* qabel kull deċiżjoni dwar il-mertu. Il-Qorti għalhekk qegħda tqis li ladarba l-appellata għażlet li telenka l-eċċezzjonijiet li xtaqet tissolleva fid-difiża tagħha bil-mod kif ġew ippreżentati quddiem l-ewwel Qorti, għandu jiġi deċiż li l-appellata kienet qegħda tirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* u li proċeduralment l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħżel li tmexxi l-andament tal-kawża bil-mod kif mexxietu. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju: il-post fejn kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni*

13. Is-soċjetà appellanta tisħaq li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata, u dan għaliex fil-fehma tas-soċjetà appellanta, il-Qorti kellha tara fejn ġie eżegwit il-bejgħ tal-vettura qabel tiddeċiedi jekk kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*. Qalet li fil-każ odjern kien hemm eżekuzzjoni ta' bejgħ ta' vettura li ġiet ikkonsenjata lill-appellata, li min-naħa tagħha naqset li tħallas għaliha, u skont l-artikolu 1159 tal-Kap. 16, il-ħlas għall-ħaġa mibjugħa għandu jsir fil-lok fejn fiż-żmien tal-kuntratt kienet tinsab il-ħaġa li hija suġġetta għall-ħlas. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba ma kien hemm xejn fil-ftehim bejn il-partijiet li jindika fejn kellu jsir il-ħlas, il-ħlas da parti tal-appellata kellu jsir fl-indirizz tal-venditriċi, jiġifieri fis-*showroom* tagħha f'Birkirkara, u għalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta applikat il-*privilegium fori* fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

14. Il-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-soċjetà appellanta, ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li s-soċjetà appellanta, fir-rikors tal-appell tagħha, tgħid li hija **debitriċi** tal-appellata, minkejja li kienet hi li fetħet dawn il-proċeduri sabiex tiġbor dak li hu dovut lilha mingħand l-appellata. Il-Qorti tqis li ladarba l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta qiegħed jiġi milqugħ, u ladarba għad iridu jiġu stabbiliti l-fatti kollha tal-każ fir-rigward tal-obbligazzjoni kkontrattata bejn il-partijiet, il-kawża għandha tkompli tinstema' fil-mertu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dan sabiex jiġi ċċarat x'kien verament miftiehem bejn il-partijiet, u x'inhuma l-obbligi li dawn intrabtu bihom. Din l-Ewwel Qorti tqis li dan huwa stħarriġ li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, anki sabiex seta' jiġi determinat jekk fil-każ odjern

ġiex sodisfatt dak li jesiġi l-artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1], qabel ma l-Ewwel Qorti għażlet li taċċetta bħala stat ta' fatt l-eċċezzjoni tal-appellata, li l-kawża għandha tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ladarba hija residenti fil-gżira Għawdxija. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-vettura ġiet ikkonsenjata fis-*showroom* tagħha ġewwa Birkirkara, u l-appellata kellha teffettwa l-ħlasijiet hemmhekk. In vista tan-nuqqas ta' provi dwar din id-dikjarazzjoni tas-soċjetà appellanta, il-Qorti mhix disposta li taċċetta li bħala stat ta' fatt hekk sar. Imma f'dan l-istadju huwa importanti li l-kawża titkompla fil-mertu sabiex jiġi determinat jekk is-soċjetà appellanta hijiex korretta fil-pretensjonijiet tagħha. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju, anki għaliex qed jiġi milqugħ l-ewwel aggravju, fejn ġie deċiż li l-appellata rrinunzjat għall-*privilegium fori*, u dan sabiex il-kawża titkompla fil-mertu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' dan l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-kawża tkompli tinstema' fil-mertu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu riservati għas-sentenza finali.**

---

[1] Art. 770 tal-Kap. 12: "Il-*privilegium fori* jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari."

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**